**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 2 - IT-TLIETA 28 TA' LULJU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Victor Agius | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Il-Minuti ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. IR-RESPONSABBILTAJIET LILL-KUNSILLIERI

2.1. Qabel ma bdiet id-diskussjoni dwar ir-responsabbiltajiet, is-SE informa li dawn il-ħatriet jingħataw biex permezz tagħhom, wieħed ikun jista' jifforma kumitat, approvat mill-Kunsill u/jew isegwi bi ftit aktar reqqa is-settur li tiegħu ikun ingħata responsabbiltà. F'dan l-istadju dawn ir-responsabbiltajiet ma joħorġu mil-ebda liġi u l-Kunsilliera individwali m'għandhomx iħossuhom responsabbli biss minn dik il-kariga iżda huma fl-obbligu li jinnutaw u jgħinu f'kollox. Kull kunsillier għandu jkun responsabbli biżżejjed ukoll biex jirraporta lura kulma ġie diskuss u jew irrappurtat dwar ir-responsabbiltà tiegħu lill-Kunsill. Huwa fakkar ukoll li l-Kunsillieri ma jistgħu joħorġu ordnijiet minn jeddhom għal xiri jew ordnijiet lill-ħaddiema tal-Kunsill jew lil xi kuntrattur.

2.2. Is-Sindku infurmat li wara li tallbet lill-Kunsilliera biex jgħaddulha x'karigi jixtiequ, hija pruvat issib l-aħjar soluzzjoni għal kulħadd u għaldaqstant għamlet numru ta' suġġerimenti. Dawn ġew diskussi u kien hemm min wera x-xewqa li jkollu responsabbiltà oħra u/jew differenti. Il-lista kif approvata hija annessa f'A.

2.3. Fuq mistoqsija li saret, is-SE informa li l-allokazzjonijiet għall-manutenzjoni tat-toroq u tindif tat-toroq iridu bilfors jintefqu kollha għal dak l-iskop, iżda għal fondi l-

oħra dawn jistgħu jinbidlu u għaldaqstant wieħed mhux mistenni li jimxi eżatt mal-allokazzjoni li ngħatat għal kull settur mid-Dipartiment.

## 3. RAPPORTI MILL-AMMINISTRAZZJONI

3.1. Is-SE informa li kienet saret laqgħa mal-Kumitat tal-Festi Esterni u fil-fatt preżenta l-minuti ta' din il-laqgħa.

3.2. Is-Sindku infurmat li kienet infurmata li l-Kumitat tal-Festi ordna li tittaqqab toqba fuq il-bankina fi Triq il-Parroċċa mingħajr ma nġab il-permess mill-Kunsill. Hija insistiet li ma kellhom l-ebda dritt li jaqbdu u jtaqqbu mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill.

3.3. Kien hemm qbil li għandu jintalab jagħlaq it-toqba (jew tingħalaq mill-ħaddiema tal-Kunsill) u jintbaghat il-kont għaliha.

3.4. Il-Kunsillier Agius oġġezzjona għall-allegazzjoni li saret f'punt nru. 3 tal-minuti tal-imsemmija laqgħa. Huwa insista li huma l-każini kollha li jħallu l-ħmieġ u mhux sempliċiment tal-Futbol u tal-Labour.

3.5. Is-Sindku ipproponiet li l-każini jkunu mwissijja li jekk sas-1am ma jkunux nadfu ż-żona, ikun revokat il-permess għall-kumplament tal-ġranet. Is-SE irrakkomanda lill-Kunsill biex ikun kawt x'miżuri drastiċi jieħu. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-kummenti li sar mill-Kumitat tal-Festa ma jistax ikun ġustifikat.

3.6. Il-Kunsillier Galea ġibed l-attenzjoni li s-siġar ta' Vjal il-Labour għandhom bżonn li jinżabru. Is-Sindku infurmatu li dawn jinqatgħu perjodikament b'mod speċjali qabel il-festa.

3.7. Il-Kunsillier Sammut staqsa jekk ikunx possibli nitolbu lill-Kumitat tal-Festi biex il-pavaljuni/bandalori jittellgħu aktar 'il fuq minħabba li vetturi goffi jistgħu jiġbduhom magħhom meta jgħaddu mit-toroq. Is-Sindku infurmat li dan la hu prattiku u lanqas ma l-kunsill jista' jindaħal f'dawn l-affarijiet. Kien hemm qbil però li jkun ikkuntattjat il-kuntrattur li jiġbor l-iskart domestiku biex possibilment jagħmel dan b'vetturi iżgħar.

## 4. SERVIZZ TA' *WI-FI* F'POSTIJIET PUBBLIĊI

4.1. Is-SE informa li l-Gvern kien qiegħed joffri wi-fi broadband services f'postijiet pubbliċi fejn kull Kunsill huwa mitlub iħallas €25 kull xahar u €100 darba għall-apparat li tiġi rifonduta lura. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li s-sit fejn jiġi installat l-apparat għall-*wi-fi* ikun Ġnien Toni Vella.

4.2. Il-Kunsilliera Miceli ġibdet l-attenzjoni li jista' jkun hemm ħlasijiet addizzjonali iżda s-SE wieġeb li l-informazzjoni li kellu hu kienet li l-ħlasijiet huma biss skont il-ftehim. Ħlasijiet oħra jsiru jekk ikunu meħtieġa *access points* addizzjonali u l-kejbils meħtieġa f'każ li l-Kunsill ikun irid ikopri żona akbar.

4.3. Kien hemm qbil ukoll li s-SE għandu jikkonferma l-possibiltà li ssir *point* oħra fis-Sgħajtar.

## 5. IL-PJAN TA' ĦIDMA GĦALL-ERBA' SNIN LI ĠEJJIN

5.1. Is-SE talab lill-Kunsill biex jiddiskutu u jgħaddulu suġġerimenti li jixtiequ li jiġu inklużi fuq il-Pjan ta' Ħidma għall-erba' snin li ġejjin. Huwa saħaq li l-Kunsill għandu jkollu l-viżjoni tiegħu stabbilita biex kull deċiżjoni u inizjattivi li jittieħdu dejjem ikunu fl-istess direzzjoni tal-viżjoni. F'dan l-istadju mhux neċessarju dettalji speċifiċi.

5.2. Is-Sindku għaddiet xi suġġerimenti dak il-ħin li jinkludu: ħidma akbar fuq turiżmu fil-lokalità; żvilupp sostenibbli; ħidma biex ikun hemm sens ċiviku akbar speċjalment maż-żgħażagħ; *networking* taż-żgħażagħ permezz ta' ġemellaġġi; tisbiħ taċ-Ċentru.

5.3. Il-Kunsilliera Miceli ssuġġeriet li naħdmu aktar fuq proġetti ta' inklużjoni soċjali.

5.4. Il-Kunsillier Bonello ssuġġerixxa li l-Kunsill jaħdem ukoll fuq l-inklużjoni tal-lokalità kollha (li wieħed ma jħossux 'il bogħod mill-Kunsill għax joqgħod il-Magħtab, is-Salina jew Baħar iċ-Ċagħaq per eżempju).

5.5. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami ipproponiet li r-residenti jiġu mħajjra jipparteċipaw fit-tisbieħ tal-lokalità billi ssir kompetizzjoni għall-isbaħ, gallariji, faċċati eċċ.

## 6. FONDI MILL-MEPA GĦALL-PROĠETTI

6.1. Is-SE informa li kien hemm żewġ fondi differenti tal-MEPA u li kienu l-EIPP, li huwa fond għal Malta kollha u l-UIF li huwa fond għal kull lokalità.

6.2. Is-SE issuġġerixxa li l-Kunsill għandu japplika għall-fondi mill-EIPP sabiex jiġi rrestawrat ir-ridott tas-Salina minħabba li kien qed jaqa' u li skont il-Kunsillier Galea dan ir-ridott huwa l-unika binja li fadal f'Malta mill-binjiet tal-Granmastru Ximenes u għaldaqstant fih ċertu storja u preġju nazzjonali. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment.

6.3. Is-SE issuġġerixxa wkoll li wieħed japplika għat-tisbiħ u l-irranġar tat-triq ta' wara l-Isplash and Fun u li tieħdok għall-Caravan Site. Dan għaliex fejn jaqbad it-tarmak mal-blat qed jittiekel kollu u jekk mhux se jsir xi forma ta' intervent se tkompli ssir aktar ħsara bi spejjeż għall-Kunsill. Barra minn hekk hemm potenzjal ta' proġett mill-isbaħ u li jibbenefika l-pajjiż mil-lat ta' turiżmu. Fuq suġġeiment tal-Kunsillier Agius kien hemm qbil li għandha tinkiteb ittra lis-Segretarju Parlamentari Dott. Jason Azzopardi b'kopja lill-Ministru George Pullicino fejn nitolbu l-għajnuna tagħhom biex jiġi ffinanzjat dan il-proġett ta' rikostruzzjoni tat-triq u tisbiħ taż-żona.

6.4. Il-Kunsillier Galea ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika għal dawn il-fondi biex tiġi rrestawrata l-kappella li hemm wara l-kjosk tal-ġelati f'Baħar iċ-Ċagħaq iżda ma kienx ċar jekk din taqax taħt il-Knisja tan-Naxxar jew il-Għargħur.

6.5. Kien hemm qbil li mill-UIF il-Kunsill għandu japplika għall-iffinanzjar tal-kostruzzjoni tal-ġnien f'Baħar iċ-Ċagħaq kif ukoll għat-tisbiħ ta' Triq il-Kbira.

## 7. APPLIKAZZJONI GĦALL-ATTIVITAJIET ORGANIZZATI

7.1. Is-SE informa li kienu nħarġu applikazzjonijiet għal fondi għal attivitajiet organizzati. Is-Sindku infurmat li kemm jista' jkun il-Kunsill għandu jara li jorganizza attivitajiet li jolqtu lil kull sfera u lil kull età.

7.2. Il-Kunsillier Bonello ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika biex jibda jsir festival tal-melħ fiż-żona tas-Salina fuq bażi annwali, possibilment bl-għajnuna tal-Ministeru responsabbli mill-biedja u bil-fondi allokali mill-Gvern Ċentrali. Huwa semma' wkoll li s-Seg. Parl. Dott. Chris Said kien issuġġerixxa lill-Kunsilli biex jippruvaw joħolqu attivitajiet amalgamati bejn il-Kunsilli ġirien. Il-Kunsillier Bonello informa li, jekk il-Kunsill jaqbel huwa jieħu ħsieb jorganizza laqgħa mal-persuni inkarigati fl-uffiċċju tal-Ministeru tal-Agrikoltura fir-rigward tas-suġġeriment tiegħu. Il-Kunsill qabel.

7.3. Il-Kunsillier Galea ssuġġerixxa li fi żmien il-Milied jiġi organizzat tip ta' villaġġ tal-Milied b'mod speċjali fit-toroq l-antiki tar-raħal, bħal Triq Santa Luċija.

7.4. Kien hemm qbil li kemm-il darba l-Kunsill ikun se jorganizza xi attività pjuttost kbira, għandu jitlob l-għajnuna tal-kumpanija *Future Focus* minħabba li għandha esperjenza f'attivitajiet simili u għaldaqstant tkun tista' tneħħi l-pressjoni minn fuq l-amministrazzjoni.

## 8. SKAMBJI RELATATI MA' PROĠETTI TA' ĠEMELLAĠĠI

8.1. Is-Sindku infurmat li hi kellha laqgħa ma' rappreżentanti ta' Future Focus fir-rigward tal-possibilità ta' ġemellaġġ ma' Mornago. Kien hemm qbil li nimxu mal-proposta tagħhom li possibilment issir l-applikazzjoni għall-fondi mill-UE sal-aħħar ta' Awwissu.

8.2. Hija infurmat li l-ftehim ma' Future Focus kien sar sa mill-bidu tas-sena l-oħra billi sabu l-kuntatt ma' Mornago u jagħmlu l-ewwel applikazzjoni għall-ġemellaġġ.

8.3. Dwar il-vista għal Reggio Calabria, ġie kkonfermat li kien hemm madwar 40 persuna li wrew interess biex imorru.

## 9. TALBIET LILL-KUNSILL

9.1. Is-SE preżenta lista ta' talbiet u lmenti li l-maġġorparti tagħhom twasslu mir-residenti. Il-lista kif ippreżentati kienet tinkludi wkoll stimi tal-ispejjeż fejn kien il-każ kif ukoll ritratti u *site plans* skont il-każ. Lista tagħhom u tad-deċiżjoni rilevanti qed tiġi mehmuża f'Appendiċi B.

## 10. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

10.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata fl-10.55pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 18 ta' Awwissu 2009.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

**A**

**RESPONSABBILTAJIET DELEGATI LILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**
**Is-sitt Leġislatura**

## Maria F. Deguara, Sindku

| ***Responsabbiltà*** | ***Ma'*** |
|---|---|
| Żona Centru | *Pauline* |
| Saħħa u Anzjani | |
| Finanzi u affarijiet legali | |
| Infrastruttura | |
| Żona San Pawl tat-Targa | *David* |
| Kulturali u storja | *Clifford* |
| Ġemellaġġi | *David* |
| Konsultazzjoni mal-għaqdiet | *David* |
| Persuni b'diżabilita | *Pauline* |

## Pierre Sciberras, Viċi sindku

| ***Responsabbiltà*** | ***Ma'*** |
|---|---|
| Żgħażagħ u sports | *Clinton* |
| Zona Sghajtar | *Marlon* |
| Infurzar Lokali | *Victor* |
| Teknologija tal-informatika | *Clinton* |
| Servizzi mill-ufficcju/ Customer Care | *Clinton* |

## Clifford Galea

| ***Responsabbiltà*** | ***Ma'*** |
|---|---|
| Kulturali u storja | *Mayor* |
| Zona Bahar ic-Caghaq | *Clinton* |
| Zona maghtab | *clinton* |
| Zona Salina | *clinton* |
| Bajjiet | *Clinton* |
| Relazzjonijiet pubblici | *David* |

## Anne Marie Muscat Fenech Adami

| ***Responsabbiltà*** | ***Ma'*** |
|---|---|
| Inizjattivi favur l-ambjent (energy saving) | *Clinton* |
| Kummerc | *Marlon* |
| Turizmu | *Marlon* |
| Zvilupp u pjan lokali (MEPA) | *Marlon* |

| | |
|---|---|
| Zona Birguma | *Clinton* |
| Affarijiet tal-Konsumatur | *Marlon* |

## David Bonello

| ***Responsabbiltà*** | ***Ma'*** |
|---|---|
| Zona San Pawl tat-Targa | *Mayor* |
| Gemellaggi | *Mayor* |
| Konsultazzjoni mal-ghaqdiet | *Mayor* |
| Progetti tal-UE | *Pauline* |
| Relazzjonijiet pubblici | *Clifford* |

## Pauline Miceli

| ***Responsabbiltà*** | ***Ma'*** |
|---|---|
| Edukazzjoni | |
| Persuni b'dizabilita | *Mayor* |
| Ugwaljanza | |
| Zona Centru | *Mayor* |
| Progetti tal-UE | *David* |

## Victor Agius

| ***Responsabbiltà*** | ***Ma'*** |
|---|---|
| Trasport | *Clinton* |
| Infurzar Lokali | *Pierre* |

## Mario Brincat

| ***Responsabbiltà*** | ***Ma'*** |
|---|---|
| Affarijiet tal-Konsumatur | *Anne Marie* |
| Zona Sghajtar | *Pierre* |
| Kummerc | *Anne Marie* |
| Turizmu | *Anne Marie* |
| Zvilupp u pjan lokali (MEPA) | *Anne Marie* |

## Clinton Sammut

| ***Responsabbiltà*** | ***Ma'*** |
|---|---|
| Inizjattivi favur l-ambjent (energy saving) | *Anne Marie* |
| Teknologija tal-informatika | *Pierre* |
| Servizzi mill-ufficcju/ Customer Care | *Pierre* |
| Zona Bahar ic-Caghaq | *Clifford* |
| Zona Birguma | *Annemarie* |
| Zona maghtab | *Clifford* |

| | |
|---|---|
| Zona Salina | *Clifford* |
| Bajjiet | *clifford* |
| Trasport | *victor* |
| Zghazagh u sports | *Pierre* |

**<u>Responsabbiltajiet li jaqgħu taħt iż-żoni</u>**

*Tindif tat-toroq mhux urbani*

*Tindif tat-toroq urbani*

*Traffiku*

*Gonna*

*Immaniggjar tal-iskart*

*Latrini Pubblici*

B

| *Nru tar-Rif* | *Dettalji tat-talba* | *Kummenti mill-Ufficjal Inkarigat* | *Decizjoni mill-Kunsill* |
|---|---|---|---|
| | Talba biex jigu strippjati 6 gradilji tal-injam li jiffurmaw parti mill-gazebo tal-gnien fi Triq l-Imhalla u li l-kobor taghhom huwa 1.1m x 0.55m. | Dan huwa parti mix-xoghol ta' manutenzjoni li qed isir fuq dan il-gnien. | Il-Kunsill approva li jigu strippjati. |
| 44/0707/08 | Talba biex issir mera faccata ta' Sqaq Nru 9 fi Triq Santa Lucija. | Hemm periklu ghax mhux facli tara vettura gejja inti u hiereg minn l-isqaq, u t-triq hija wiesgha biss 3.8m. Qed jigi rrakkomandat li t-talba tigi approvata. | Il-Kunsill approva. |
| NLC/03/06 | Talba biex tinbidel lampa fi Sqaq Nru 14, Triq Santa Lucija. Ir-residenta lesta li tixtri l-lampa a spejjeż tagħha iżda qed titlob li l-Kunsill jieħu ħsieb biex jagħmel tajjeb għall-istallazzjoni tagħha. | Provdiet ritratti tal-lampa l-qadima kif ukoll tat-tip ta' lampa li qed tipproponi li tixtri. | Kien hemm qbil li ghandha tintbaghat nota lir-residenti tal-isqaq u kemm-il darba ma jkollhomx oggezzjoni nirrispondu lil din ir-residenta fl-affermattiv. Il-Kunsill qabel ukoll li jhallas tal-istallazzjoni. |
| 44-0076-09 | Talba biex jipoġġa shade mal-bozza li hemm mal-ġemb tad-dar Sinphony. Il-bozza hija W147 fi Triq in-Nafra | Is-Sinjur ghandu t-tieqa tal-kamra tas-sodda taħt il-bozza. | Se jigi vverifikat jekk hijiex in-norma li jhallas il-Kunsill qabel ma tinxtara sabiex ma jinholoqx precedent. |
| | Rapport dwar *id-decorative poles* li mhux qed jixgħelu f' Labour Avenue mil-Pizza Planet sa Allessandro Shoe Store | Tkellimt mal-kuntrattur tad-dawl u fuq parir tal-Inginier hemm bżonn li jinbidel il-*wiring,holders* u *pl lamps* | Il-Kunsill approva. |
| | Talba għal mera fi Triq l-Imdina, faċċata tal-entratura għall-garaxxijiet. | Saret prova b'mera u jidher li din tgħin li l-ħruġ/dħul ikun aktar faċli u b'aktar sigurtà. Jidhirli li din il-mera diga' kienet hemm pero' jista' jkun li nqalghet minn xi hadd. | Il-Kunsill approva. |
| NLC/023/06 red 9 | Talba biex Triq tan-Najder issir 'For Residents Only'. | Allegatament wara t-traġedja r-residenti ta' Triq Ħal Dgħejf qed jipparkjaw fi Triq in-Najder u għaldaqstant dawn qed ikollhom problema ta' parkeġġ. | Il-Kunsill ma laqax it-talba. |
| 44-0192-09 | Talba biex jitpogga sinjal isfar ma' naha wahda ta' garaxx fi Triq G. Stivala. | Ghandu dritt ghal sinjal isfar fuq iz-zewg nahat. Pero' dan ir-resident qed jitlob biss sinjal ta' metru fuq naha wahda minhabba li qed jipparkjawlu vicin wisq tal-koxxa tal-garaxx u qed ikollu problema ta' | Il-Kunsill approva. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | accessibilita'. | |
| 44-1179-08 | Talba biex issir qasrija quddiem id-dar nru 1 fi Triq Castro. Ir-resident lest li jipprovdi l-pjanti. | Ir-resident huwa Victor Sciberras u joqghod 1, Triq Castro. Ma specifikax x'tip ta' pjanta lest li jipprovdi. | M'hemmx bizzejjed informazzjoni. Se nitolbu lil dan ir-resident jikkonferma x'tip ta' pjanti lest jipprovdi qabel tittiehed xi decizjoni. Barra minn hekk, ghandu jintalab juri fejn qed jipproponi li titpogga l-qasrija minghajr ma taghlaq l-access ghall-pubbliku. |
| 44-0089-09 | Talba biex il-vetturi li telghin minn Triq il-Gdida (in-naha tal-bandli) ma jithallewx iduru fuq il-lemin. | Generalment dawk li jitilghu minn din it-triq u jduru fuq il-lemin huma dawk li jkunu pparkjati f'din l-istess triq jigifieri din mhijiex qed tohloq xi problemi kontinwi jew ta' sikwit. | Il-Kunsill ma laqax it-talba. |
| 44-1166-08 | Suggeriment lill-Kunsill biex issir kompetizzjoni tal-isbah parapett. Dan is-suggeriment qed isir minn persuna barranija. | Ta' min jghid li matul l-ewwel zewg legizlazzjonijiet kien hemm kompetizzjoni simili fin-Naxxar u kien hemm konkorrenza tajba ghaliha. | Il-Kunsill approva. |
| 44-0039-09 | Talba biex jintefa' xi materjal fi Triq il-Hannewija minhabba li t-triq nizlet hafna u huwa difficli biex tghaddi minnha. | Din hija triq gdida u ghaldaqstant il-Kunsill m'ghandu l-ebda obbligu biex jirrangaha hlief biex ikun ta' ghajnuna ghar-residenti li joqghodu fiha. | Ma kienx hemm qbil li ghandu jsir xi xoghol ghax din it-triq mhux responsabbilta' tal-Kunsill. Meta tinzel l-ewwel xita ghandha ssir spezzjoni u kemm-il darba jkun hemm problemi kbar nippruvaw intaffu. |
| 44-0238-09 & 44-0265-09 | Talba biex isiru marki tal-karreggjata u parkeggi fi Triq il-Kappella ta' Santa Marija bejn Country Garage u Eva House. | Meta saret l-ispezzjoni deher li l-parkegg qed isir tajjeb u li hemm wisgha bizzejjed hlief forsi fl-ewwel parti tat-triq vicin il-Country Garage. | Il-Kunsill ma laqax it-talba. |
| 44-0156-09 | Fi Triq Santa Marija n-naha tal-knisja l-gdida, tawha t-tarmak u parking bays ma sarux. qed tkun problema ghar-residenti tat-triq biex johorgu mill-garaxxijiet. Is- Sinjur qed jitlob biex isiru l-linji fit-triq. | Naqbel li ta' min jaghmel xi mmarkar b'mod specjali fejn hu dejjaq wisq biex ikun hemm access ghall-garaxxijiet. | Se nikkonfermaw ezattament fejn qed jigi propost li jsiru s-sinjali. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 44-1215-05 | Talba biex tigi rikostruwita l-bankina ta' naha minnhom fit-telgha tal-iskejjel teknici. | Hemm tul ta' madwar 53.2m ta' bankina hazina. Preferibbilment dan ix-xoghol ghandu jsir matul iz-zmien tas-sajf sabiex ma jaffettwax lill-istudenti. | Il-Kunsill approva. |
| NLC/012/06 red 49 | Talba ghal sinjal isfar quddiem il-bieb tad-dar nru 70 fi Triq l-Imdina minhabba li kontinwament qed jinghalaq f'daru ghaliex jipparkjaw il-vetturi vicin wisq tal-bieb tieghu. | Il-Kunsill diga' ddecieda li ghandu jaghmel junction box quddiem l-isqaq li hemm fl-istess pjazzetta. Ghaldaqstant qed jigi ssuggerit li titpogga junction box ohra quddiem dan ir-resident ukoll. | Se nikkonfermaw ezatt qabel ma tittiehed decizjoni. |